



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 14 ta' Mejju 2020
(OR. en)

Fajl Interistituzzjonali:
2019/0182 (NLE)

12362/2/19
REV 2

VISA 190
COEST 209

ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-konklużjoni tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Belarussja dwar il-faċilitazzjoni tal-ħruġ ta' viżi

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2020/...

ta'...

**dwar il-konklużjoni tal-Ftehim
bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Belarussja
dwar il-faċilitazzjoni tal-ħruġ ta' viżi**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-punt (a) tal-Artikolu 77(2), flimkien mal-punt (a) tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 218(6) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew¹,

¹ Approvazzjoni ta' [data] (għadha mhix ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

Billi:

- (1) Skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/1915¹, il-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Belarussja dwar il-faċilitazzjoni tal-ħruġ ta' viżi (minn hawn 'il quddiem "il-Ftehim") ġie ffirmat fi [...] +, soġġett għall-konklużjoni tiegħu f'data aktar tard.
- (2) Fid-Dikjarazzjoni tas-Summit tas-Sħubija tal-Lvant tas-7 ta' Mejju 2009, l-Unjoni u l-pajjiżi sħab esprimew l-appoġġ politiku tagħhom lejn il-liberalizzazzjoni tar-reġim tal-viża f'ambjent sikur u affermaw mill-ġdid l-intenzjoni tagħhom li jieħdu passi gradwali lejn sistema mingħajr viża għaċ-ċittadini tagħhom fiż-żmien opportun.
- (3) L-iskop tal-Ftehim hu li jiffaċilita, fuq il-bażi ta' reċiproċità, il-ħruġ ta' viżi għal soġġorn intenzjonat ta' mhux aktar minn 90 jum f'kull perijodu ta' 180 jum għaċ-ċittadini tal-Unjoni u tal-Belarussja.

¹ Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/1915 tal-14 ta' Ottubru 2019 dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Belarussja dwar il-faċilitazzjoni tal-ħruġ ta' viżi (ĠU L 297, 18.11.2019, p. 1).

+ ĠU: Jekk jogħġbok daħħal id-data tal-iffirmar tal-Ftehim fid-dokument ST 12363/19.

- (4) Din id-Deċiżjoni tikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen li fihom l-Irlanda ma tiħux sehem skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/192/KE¹; għalhekk l-Irlanda mhix qed tieġu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni u mhix marbuta biha jew soġġetta għall-applikazzjoni tagħha.
- (5) F'konformità mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll Nru 22 dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, id-Danimarka mhix qiegħda tieġu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni u mhix marbuta biha jew soġġetta għall-applikazzjoni tagħha.
- (6) Il-Kummissjoni wettqet valutazzjoni tas-sigurtà u l-integrità tas-sistema tal-Belarusija għall-ħruġ ta' passaporti diplomatiċi bijometriċi u l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tagħhom.
- (7) Il-Ftehim jenħtieġ li jiġi approvat,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

¹ Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/192/KE tat-28 ta' Frar 2002 rigward it-talba tal-Irlanda biex tieġu sehem f'xi dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen (ĠU L 64, 7.3.2002, p. 20).

Artikolu 1

Il-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Belarussja dwar il-faċilitazzjoni tal-ħruġ ta' viżi huwa b'dan approvat fisem l-Unjoni¹⁺.

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill għandu, fisem l-Unjoni, jagħti n-notifika prevista fl-Artikolu 14(1) tal-Ftehim².

Artikolu 3

Il-Kummissjoni Ewropea, meġhuna mir-rappreżentanti tal-Istati Membri, għandha tirrappreżenta lill-Unjoni fil-Komitat Konġunt stabbilit skont l-Artikolu 12 tal-Ftehim.

¹ It-test tal-Ftehim huwa ppubblikat fi ĠU L ...

⁺ ĠU: Jekk jogħġbok niżżel fin-nota ta' qiegħ il-paġna r-referenza tal-ĠU tal-Ftehim li jinsab fid-dokument ST 12363/19.

² Id-data tad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim ser tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* mis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill

Il-President
